**Dispożittiv tas-sentenza**

1) *Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C (2002) 5087 finali, tas-17 ta' Diċembru 2002, dwar proċedura skond l-Artikolu 65 KEFA (COMP/37.956 — Vireg tal-ħadid li jsaħħu l-konkrit), hija annullata fir-rigward ta' Ferriere Nord SpA.*

2) *Il-Kummissjoni għandha tbati l-ispejjeż tagħha kif ukoll dawk ta' Ferriere Nord.*

3) *Ir-Repubblika Taljana għandha tbati l-ispejjeż tagħha.*

(1) ĠU C 112, 10.5.2003.

---

**Sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tat-18 ta' Ottubru 2007 — AMS vs L-UASI — American Medical Systems (AMS Advanced Medical Services)**

**(Kawża T-425/03)** (1)

***("Trade mark Komunitarja — Proċedimenti ta' oppożizzjoni — Applikazzjoni għal trade mark Komunitarja AMS Advanced Medical Services — Trade mark nazzjonali verbali preċedenti AMS — Raġuni relattiva għal rifjut — Probabbiltà ta' konfużjoni — Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 40/94 — Talba ta' prova ta' l-użu ġenwin ppreżentata għall-ewwel darba quddiem il-Bord ta' l-Appell — Artikolu 43(2) u (3) tar-Regolament Nru 40/94")***

(2007/C 297/77)

*Lingwa tal-kawża: Il-Ġermaniż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* AMS Advanced Medical Services GmbH (Mannheim, Il-Ġermanja) (rappreżentanti: inizjalment, G. Lindhofer, imbagħad G. Lindhofer u S. Schäffler, avukati)

*Konvenut:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: G. Schneider, aġent)

*Parti l-oħra fil-kawża quddiem il-Bord ta' l-Appell ta' l-UASI, intervenjenti quddiem il-Qorti tal-Prim'Istanza:* American Medical Systems, Inc. (Minnetonka, Minnesota, L-Istati Uniti) (rappreżentanti: H. Kunz-Hallstein u R. Kunz-Hallstein, avukati)

**Suġġett**

Rikors magħmul kontra r-Raba Bord ta' l-Appell ta' l-UASI tat-12 ta' Settembru 2003 (kawża R 671/2002-4), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn AMS Advanced Medical Services GmbH u American Medical Systems, Inc.

**Dispożittiv**

1) *Ir-rikors huwa miċħud.*

2) *AMS Advanced Medical Services GmbH għandha tbati l-ispejjeż.*

(1) ĠU C 71, 20.3.2004.

---

**Sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tat-23 ta' Ottubru 2007 — Borco-Marken-Import Matthiesen vs L-UASI (Caipi)**

**(Kawża T-405/04)** (1)

***("Trade mark Komunitarja — Applikazzjoni għal trade mark Komunitarja verbali Caipi — Raġuni relattiva għal rifjut — Karattru deskrittiv — Artikolu 7(1)(b) u (ċ) tar-Regolament (KE) Nru 40/94")***

(2007/C 297/78)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Borco-Marken-Import Matthiesen GmbH & Co. KG (Hamburg, il-Ġermanja) (rappreżentant: M. Wolter, avukat)

*Konvenut:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: G. Schneidner, aġent)

**Suġġett tal-kawża**

Rikors mid-deċiżjoni tat-Tieni Bord ta' l-Appell ta' l-UASI tas-6 ta' Awwissu 2004 (kawża R 912/2002-2), li tirrigwarda r-reġistrazzjoni tas-sinjal verbali Caipi bħala trade mark Komunitarja.

**Dispożittiv**

1) *Ir-rikors huwa miċħud.*

2) *Ir-rikorrenti għandha tbati l-ispejjeż.*

(1) ĠU C 314, 18.12.2004.

**Sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tal-25 ta' Ottubru 2007 — Lo Giudice vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża T-27/05)** (1)

***("Uffiċjali — Rapport dwar l-iżvilupp tal-karriera — Eżerċizzju ta' evalwazzjoni 2003 — Irregolaritajiet proċedurali — Artikolu 43 tar-Regolamenti tal-Persunal — Dritt li wieħed jinstema' — Leave tal-mard — Ċertifikat mediku")***

(2007/C 297/79)

*Lingwa tal-kawża: Il-Franċiż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Carmela Lo Giudice (Grimbergen, il-Belġju) (rappreżentanti: inizjalment F. Frabetti u G. Bounéou, sussegwentement F. Frabetti, avukati)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (rappreżentanti: J. Currall u H. Kraemer, aġenti)

**Suġġett**

Talba intiża għall-annullament ta' l-eżerċizzju ta' evalwazzjoni li jkopri l-perijodu ta' bejn l-1 ta' Jannar u l-31 ta' Diċembru 2003 u, sussidjarjament, għall-annullament tad-deċiżjoni ta' l-4 ta' Mejju 2004 li tistabbilixxi b'mod definittiv ir-rapport dwar l-iżvilupp tal-karriera tar-rikorrenti għall-perijodu kkonċernat.

**Dispożittiv**

1) *Id-deċiżjoni tal-Kummissjoni ta' l-4 ta' Mejju 2004 li tistabbilixxi b'mod definittiv ir-rapport dwar l-iżvilupp tal-karriera tar-rikorrenti għall-eżerċizzju ta' evalwazzjoni 2003 hija annulata.*

2) *Il-Kummissjoni hija kkundannata tbati l-ispejjeż.*

(1) ĠU C 82, 2.4.2005.

**Sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tat-18 ta' Ottubru 2007 — Ekabe Internationl vs L-UASI — Ebro Puleva (OMEGA 3)**

**(Kawża T-28/05)** (1)

***("Trade mark Komunitarja — Proċedura ta' oppożizzjoni — Applikazzjoni għal trade mark Komunitarja figurattiva OMEGA 3 — Trade mark nazzjonali verbali preċedenti PULEVA-OMEGA 3 — Probabbiltà ta' konfużjoni — Xebh bejn is-sinjali — Artikolu 8(1)b tar-Regolament KE Nru 40/94")***

(2007/C 297/80)

*Lingwa tal-kawża: Il-Franċiż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Ekabe International SCA (Lussemburgu, il-Lussemburgu) (rappreżentant: C. de Haas, avocat)

*Konvenut:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: A. Folliard-Monguiral, aġent)

Parti oħra fil-kawża quddiem il-Bord ta' l-Appell ta' l-UASI, intervenjenti quddiem il-Qorti tal-Prim'Istanza: Ebro Puleva, SA (Madrid, Spanja) (rappreżentant: P. Casamitjana Lleonart, avocat)

**Suġġett tal-kawża**

Rikors magħmul kontra d-deċiżjoni tar-raba' Bord ta' l-Appell ta' l-UASI tas-6 ta' Ottubru 2004 (kawża R 117/2001 4), dwar proċedura ta' oppożizzjoni bejn Puleva SA (li saret Ebro Puleva, SA) u Ekabe International SCA.

**Dispożittiv tas-sentenza**

1) *Ir-rikors huwa miċħud.*

2) *Ekabe International SCA hija kkundannata tbati l-ispejjeż.*

(1) ĠU C 82, 2.4.2005.